MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 389/2009

**A B**
**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta :

1. Illi l-attur u l-konvenuta C D izzewgu fil-15 ta' Marzu 1998, liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'A';
2. Illi l-kunsens ta' l-attur ghaz-zwieg imsemmi inkiseb b'qerq dwar kwalita tal-konvenuta li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi l-kunsens tal-konvenuta ghaz-zwieg imsemmi kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet jew dmirijiet essenzjali tieghu li, kif ukoll kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha impossibli ghall-istess konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenjzali taz-zwieg;
4. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;
5. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu fil-ligi;
6. Illi l-esponenti jaf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati;

Talab ghar-ragunijiet hawn premessi li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti iccelebrat fil-15 ta' Marzu 1998 liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod generali, u b'mod specifiku a tenur tal-provvedimenti tal-paragrafi (a), (b), (c), (d) u (f) ta' l-istess Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat il-provi li gew prodotti, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi xehed l-attur u qal illi hu kien habib ta’ hu il-konvenuta li jismu Andrew Psaila u kien b’dan il-mod illi sar jaf lill-konvenuta. Dak iz-zmien huwa kien jiehu sehem f’team tal-football. L-attur kompla jixhed illi mill-ewwel bdew johorgu flimkien u jidhlu fid-dar ta’ xulxin u qisu bla ma riedu huma l-affarijiet bdew mexjin b’ghaggla mhux hazin. Wara ftit zmien kienu iffissaw id-data tat-tieg. L-attur xehed illi ma tantx ghamlu preparamenti ghat-tieg peress li riedu jizzewgu malajr. Ma kellhomx ghalfejn jahsbu ghal dar fejn kienu ser imorru jghixu peress illi in-nannu tal-konvenuta kellu dar iz-Zurrieq stess u iddecieda li setghu imorru jghixu mieghu, kif fil-fatt ghamlu. Wara iz-zwieg taghhom in-nannu tal-konvenuta kien baqa jghix maghhom. L-attur xehed illi meta izzewweg induna li kien ghamel zball, izda kien jipprova jiehu pacenzja. Il-problemi komplew jikbru meta twieldet it-tarbija taghhom illi mietet wara xahar u nofs. Dan iz-zmien kienu il-hin kollu qeghdin jilletikaw. Hu kien jahdem kwazi il-gimgha kollha go restaurant u meta jirritorna id-dar jispiccaw jiggieldu. Ftit xhur wara li mietet l-ewwel tarbija il-konvenuta korriet u iz-zwieg bejn il-kontendenti baqa sejjer lura. Il-konvenuta ma kienitx tahdem, kienet toqghod id-dar il-hin kollu u hu kien jahdem il-gurnata kollha u ghall-hinijiet twal. L-attur kien irrealizza li hu u il-konvenuta kienu ghagglu wisq biex izzewgu u li dan ma kienx verament zwieg. Il-konvenuta kienet tippressah sabiex ikollha tfal u fl-ahhar fis-sena 2000 kellhom tifla, izda wara li twieldet it-tifla hu u il-konvenuta spiccaw separati, izda jghixu taht l-istess saqaf sa kemm finalment isseparaw. Huwa xehed illi minkejja il-fatt illi z-zwieg tieghu mal-konvenuta kien zball u jiddispjacih illi izzewweg hu u il-konvenuta mhumiex miggieldin.

Illi xehdet il-konvenuta u ikkonfermat ix-xhieda tal-attur. Hija xehdet illi ghagglu hafna biex izzewgu u marru jghixu man-nannu taghha. Hija xehdet illi l-problemi bdew mal-ewwel fiz-zwieg taghhom peress illi l-attur kien jahdem il-gurnata kollha, hi ma kienitx tahdem u kienet tibqa wahedha id-dar u meta jigi id-dar tard filghaxija kienu jispiccaw jiggieldu. Hija xehdet illi kellha tarbija li twielditilha, izda mietet wara sena u nofs. Sussegwentement korriet u fl-ahhar kienet weldet tifla.

Hija ma kienitx issib l-ebda ghajnuna minghand il-konvenut. Wara li twieldet it-tifla, il-problemi fiz-zwieg taghhom kienu kibru hafna iktar u spiccaw separati izda jghixu fl-istess dar sa kemm finalment isseparaw legalment. Hija xehdet illi illum il-gurnata baqghu hbieb, izda jafu illi iz-zwieg taghhom kien zball.

Ikkunsidrat :

Illi l-attur ibbaza it-talba tieghu ghalfejn iz-zwieg tieghu ghandu jigi iddikjarat null a tenur tal-paragrafi (a), (b), (c), (d) u (f) ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, izda il-Qorti tara illi ghall-kaz odjern jappliklaw l-Artikoli 19 (1) (d) u 19 (1) (f) tal-Kap 255.

Ikkunsidrat :

Illi fir-rigward tal-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 dan l-Artikolu jghid illi jekk il-kunsens tal-partijiet ikun ivvizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga allura dak iz-zwieg huwa null.

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti inkluz fis-sentenza
"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo" deciza fis-26 ta' Ottubru 2000 ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) fuq imsemmi kemm-il darba jirrizulta li:

"Fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presupposta ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett."

Illi min jaghti il-kunsens tieghu ghaz-zwieg irid ikollu il-kapacita intellettwali u kif ukoll il-volonta hielsa illi jassumi u effettivament jaqdi l-obbligi essenzjali taz-zwieg.

Illi fir-rigward tal-obbligazzjoni essenzjali taz-zwieg fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni ta' x'inhuma dawn l-obbligazzjonijiet fil-Kapitolu 255, dawn l-obbligazzjonjiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem gew ritenuti bhala li huma s-segwenti :

1. L-obbligazzjoni li tirrigwarda l-att taz-zwieg bhala ghaqda bejn il-konjugi u bazi ta' prokreazzjoni. Illi huwa minnu illi l-konvenuta riedet illi jkollha tfal, izda l-attur ma tantx kien herqan f'dan ir-rigward u kellu it-tfal biss sabiex jikkuntenta lill-konvenuta.
2. L-obbligazzjoni tal-kommunita ta' hajja u imhabba bhala l-espressjoni ta' l-ghaqda bejn mara u ragel. Il-Qorti rat illi dan l-element kien ghal kollox nieqes f'dan iz-zwieg kif jammettu l-istess partijiet illi jghidu illi huma ma izzewgux ghax verament riedu jizzewgu, izda ghaliex hekk kienu jippretendu illi jaghmlu il-genituri taghhom, sabu dar lesta, id-dar tan-nannu tal-konvenuta u marru jghixu fiha. Marru jghixu f'din id-dar, izda il-Qorti rat illi gie ippruvat illi qatt ma kien hemm dik il-kommunita ta' hajja u imhabba bhala espressjoni ta' ghaqda bejn mara u ragel fil-kaz odjern. Dan l-element kien ghal kollox nieqes minn dan iz-zwieg.
3. Il-mutual well-being li huwa inseparabbli mill-provizjoni ta' ambjent li iwassal ghat-tnissil u l-edukazzjoni tal-ulied. Il-Qorti rat illi fil-kaz odjern dan l-element ukoll ma giex sodisfatt peress illi il-partijiet qatt ma ghixu hajja mizzewga. L-attur kien imur ghax-xoghol u joqghod hemm hekk il-gurnata kollha, jiekol anke fuq il-post tax-xoghol u il-konvenuta tghix wahedha id-dar, l-ewwel minghajr tfal u sussegwentement wara li kellha it-tifla, izda fl-ebda mument mal-partijiet ghixu bhala koppja mizzewga.
4. L-obbligazzjoni li jircievu u jedukaw lill-ulied fil-kuntest ta' kommunita konjugali. Il-Qorti rat illi minkejja li l-partijiet kellhom tifla l-attur ma tantx kien herqan sabiex ikollu tfal u il-konvenuta donna dan biss riedet illi jkollha it-tfal, izda mhux fil-kuntest ta' hajja mizzewga li kienet ghal kollox nieqsa minn dan iz-zwieg u ghalhekk il-Qorti rat illi dan l-element ukoll kien nieqes minn dan iz-zwieg.

Illi certament gie ippruvat illi l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u kif ukoll fuq l-obbligazzjonijiet essenzjali taghha.  Huma ma kienux jafu dak illi igib mieghu iz-zwieg u la darba ma kienux jafu qatt ma setghu jintrabtu f'din l-unjoni konxji tal-obbligi, dmirijiet u responsabbilitajiet kollha li iggib maghha il-hajja mizzewga bhalma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli.

Ghalhekk gie ippruvat illi kien hemm  id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju da parti taz-zewg partijiet fis-sens tal-ewwel parti tal-paragrafu (d) tal-Artikolu 19 (1) tal-Kapitolu 255.

Ikkunsidrat :

Illi fir-rigward tal-Artikolu 19 (1) (f) dan jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi l-Qorti rat illi dan l-Artikolu huwa ukoll applikabbli fil-kaz odjern.   Illi fl-interpretazzjoni ta' dan is-subartikolu il-Qrati taghna dejjem irritenew illi l-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg ma ghandhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament mill-partijiet izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens ghaz-zwieg.

Illi l-Artikolu 19 (1) (f) jikkunsidra jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali u kif ukoll is-simulazzjoni parzjali.

Illi ghal dak illi jirrigwarda simulazzjoni totali din hija l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u sabiex din tirrizulta irid jigi  ippruvat illi il-'finis operis' taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, jew taz-zewg partijiet, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fir-rigward ta' simulazzjoni parzjali din hija l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali

tal-hajja mizzewga.  Il-Qrati taghna dejjem irritenew illi l-element essenzjali taz-zwieg jikkonsistu fil-komunjoni tal-hajja konjugali, fl-indissolubilita tar-rabta taz-zwieg u fid-dritt ghal fedelta u d-dritt ghal prokreazzjoni tal-ulied.

Illi l-kommunjoni tal-hajja konjugali tikkomprendi zewg elementi u cioe l-imhabba konjugali u r-responsabilita' tal-familja.

Illi fil-fatt l-element tal-indizzolubbilta' taz-zwieg jehtieq li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta u formazzjoni tal-familja.

Illi fil-kaz odjern il-Qorti rat illi z-zewg partijiet eskludew posittivament il-komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghal fedelta u da part ital-attur id-dritt ghal prokreazzjoni tal-ulied u ghalhekk tara illi l-partijiet meta taw il-kunsens taghhom ghal dan iz-zwieg kellhom il-kunsens taghhom vizjat bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewga.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa it-talbiet attrici u tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-kontendenti kien null u invalidu ai finijiet u effetti kollha tal-Ligi u dan ai termini tal-Artikoli 19 (1) (d)  u 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, izda mhux ai termini tal-Artikolu 19 (1) (a) (b) u (c) tal-istess Kapitolu.  Il-Qorti ghalhekk tordna illi issir l-annotazzjoni opportuna fl-att taz-zwieg relattiv. L-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------